# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Jannar 2024**

**Rikors Nru: 115/22JG**
**Nru fuq il-Lista: 38**

**Joseph Muscat Azzopardi (K.I. 713055M), Rosaire Muscat Azzopardi (K.I. 0474154M), Marie-Therese Muscat Azzopardi (K.I. 0285058M), Vera Agius Muscat (K.I. 0333955M), Anthide Agius Muscat (K.I. 0577059M), Hugo Agius Muscat (K.I. 0337961M), Lucienne Cumbo nee Agius Muscat (K.I. 0053167M)**

**vs**

**Carmelo Pace (K.I. 005459M) u l-Awtorità tad-Djar**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur datat 7 ta' Frar 2022[1], flimkien mad-dokument hemm annessi, fejn *ad litteram*, ġie premess u ntalab is-segwenti:

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

**1.** *Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond* ***148, Triq Manuel Dimech, Sliema,*** *li huma akkwistaw per via di successione li ilha mikrija lil intimat Carmelo Pace mis-sena 1986.*

**2.** *Illi l-fond jipprevjeni lir-rikorrenti b'titolu ta' successjoni u illum jappartjeni unikament lir-rikorrenti odjerni f'ishma mhux indaqs bejniethom.*

**3.** *Illi kif fuq inghad, l-kera li l-intimat Pace qed jhallas a tenur tal-ligi jammonta ghal €203 fis-sena, meta l-valur lokatizju tal-fond fis-suq huwa ferm u ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijet tal-Kap.69 tal-Ligijiet ta' Malta, liema disposizzjonijet gew mibdula bi ftit bl-Att X tal-2009.*

**4.** *Illi kif fuq inghad, l-kera li l-intimat Pace qed jhallas a tenur tal-ligi jammonta ghal €203 fis-sena, kif jirrizulta mil-cedola hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument A', meta l-valur lokatizju tal-fond fis-suq huwa ferm u ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijet tal-Kap.69 tal-Ligijiet ta' Malta, liema disposizzjonijet gew mibdula bi ftit bl-Att X tal-2009.*

**5.** *Illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, ossia l-Att Dwar ir-Riforma tal-Kirjiet Residenzjali Kontrollati, l-intimat huwa l-inkwilin rikonoxxut tad-dar ta' abitazzjoni abbazi ta' din it-tifsira, skond xi ligi validament fis-sehh fl-1 ta' Gunju 2021.*

**6.** *Illi ai termini tal-Artikolu 4A(3)(c) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-istadju inizjali tal-proceduri, il-Bord ghandu jwettaq it-test tal-mezzi tal-kerrejj li ghandu jkun ibbazat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) mahruga taht l-Artikolu 1622A tal-Kodici Civili, u kwalunkwe regolmanenti ohra li jissostituwhom ibbazat fuq id-dhul tal-kerrej*

*bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Dicembru 2021, u fuq il-kapital tal-kerrejj fil-31 ta' Dicembru tal-2021.*

***7.*** *Illi ai termini tal-Artikolu 4A(4), jekk il-kerrejj ma jissodisfax il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, il-Bord ghandu wara li jkun sema evidenza u sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet zmien sentejn sabiex id-dar ta' abitazzjoni tigi vakata.*

***GHALDAQSTANT, jghid l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, ghalhiex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:-***

***I.*** ***Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi l-intimat* **Carmelo Pace (K.I. 005459 M)** *huwa l-inkwilin tar-rikorrenti fil-fond 148, Triq Manuel Dimech, Sliema, u jikkwalifika bhala kerrejja ta' dar ta' abitazzjoni abbazi ta' din it-tifsira, ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kera tal-Bini u l-Att dwar id-Djar kif emendat bl-Att XXIV tal-2021.*

***II.*** ***Jordna*** *li jitwettaq it-test tal-mezzi ta'* **Carmelo Pace (K.I. 005459 M)** *fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) mahruga taht l-Artikolu 1622A tal-Kodici Civili, u kwalunkwe regolmanenti ohra li jissostituwhom ibbazat fuq id-dhul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Dicembru 2021, u fuq il-kapital tal-kerrejj fil-31 ta' Dicembru tal-2021.*

***III.*** ***Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera ghandha tigi riveduta ghal ammont li ma jeccedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuh tal-fond 148, Triq Manuel Dimech, Sliema, u sabiex jigu stabbiliti kundizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera.*

IV. ***Jordna,** f'kaz illi l-intimat **Carmelo Pace (K.I. 005459 M)** ma jissodisfax il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-izgumbrament tal-istess intimat mill-fond in kwistjoni, fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Gunju 2021.*

***Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni u b'riserva u minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi azzjoni ohra li tista' talvolta tigi prezentata.***

Ra d-digriet ta' dan il-Bord kif preċedentement presedut datat 25 ta' Frar 2022[2].

Ra r-risposta tal-Awtoritá tad-Djar datata 11 ta' April 2022[3].

Ra r-risposta tal-intimat datata 18 ta' Lulju 2022[4], fejn *ad litteram,* ġie eċċepit hekk:

1. *Illi preliminarjament, ir-rikorrenti għandhom jġibu l-prova tat-titolu tagħhom fir-rigward tal-fond de quo;*
2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u fil-mertu, l-eċċepjent jikkwalifika u jissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi u b'hekk ma hemm l-ebda prospett għall-iżgumbrament tiegħu mil-fond de quo;*
3. *Illi għandha tinġieb il-prova tal-valur liberu u frank fis-suq tal-fond de quo li dwaru r-rikorrenti qegħdin jibbażaw il-pretensjoni tagħhom;*

[2] A fol 6 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol 8 tal-proċess.
[4] A fol 16 tal-proċess.

4. *Illi ma hemmx lok li pendenti lite tiġi ffissata żieda fl-ammont tal-ħlas ta' kera minn dak li hi fil-preżent;*

5. *Illi dwar it-tielet talba tal-atturi, l-awment ta' tnejn fil-mija (2%) huwa biss il-massimu u għalhekk il-liġi ma hijiex tassattiva f'dan il-perċentwal. Illi fl-umli fehma tal-eċċepjent, ma jeżistux il-kriterji neċessarji sabiex dan l-Onorabbli Bord imur għall-massimmu stabbilit mil-liġi;*

6. *Illi l-eċċepjent dejjem ottempera ruħu mal-obbligi tiegħu qua inkwilin, inkluż il-ħlas tal-kera u ż-żamma tal-proprjetà fi stat tajjeb;*

7. *Illi l-proprjetà de quo hija l-unika residenza li għandu l-eċċepjent u hu ma għandux il-meżżi li jippermettulu li jkollu proprjetà alternattiva;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li talvolta jkunu permissibbli skond il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Ra d-digriet ta' dan il-Bord kif preċedentement presedut datat 6 ta' Ottubru 2022[5] fejn ġew nominati l-Periti Valerio Schembri u Alexei Pace.

Ra n-nota ġuramentata tal-intimat datata t-3 ta' Novembru 2022[6] fejn ġiet ippreżentata d-dokumentazzjoni rikjesta ai fini tat-test tal-mezzi.

---

[5] A fol 19 tal-proċess.
[6] A fol 22 *et seq* tal-proċess.

Ra n-nota tal-intimat datat 14 ta' Diċembru 2022[7] bl-affidavit tiegħu stess.

Ra r-rapport tal-Periti datat it-12 ta' Diċembru 2022[8].

Ra l-ħatra tal-President ta' Malta datata 5 ta' Marzu 2023 magħmula ai termini tal-artikolu 16 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta[9].

Ra l-assenjazzjoni datata 9 ta' Marzu 2023 tal-Prim Imħallef fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn dan il-Bord presedut mill-illum Imħallef Josette Demicoli ġew assenjati lil dan il-Bord kif issa presedut[10].

Ra n-nota tar-rikorrenti datata 12 ta' Ġunju 2023[11].

Ra n-nota tar-rikorrenti datata 11 ta' Lulju 2023[12].

Ra n-nota tal-Awtorita' tad-Djar datata 26 ta' Lulju 2023[13].

Ra x-xhieda in kontro-eżami tal-intimat Pace kif mogħtija quddiem il-Bord kif issa presedut nhar il-4 ta' Ottubru 2023[14].

Ra r-risposti tal-Periti tekniċi datati 14 ta' Novembru 2023[15].

---

[7] A fol 88 *et seq* tal-proċess.
[8] A fol 90 *et seq* tal-proċess.
[9] A fol 98 *et seq* tal-proċess.
[10] A fol 99 *et seq* tal-proċess.
[11] A fol 106 *et seq* tal-proċess.
[12] A fol 118 *et seq* tal-proċess.
[13] A fol 120 tal-proċess.
[14] A fol 124 *et seq* tal-proċess.
[15] A fol 131 tal-proċess.

Ra illi fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2023, il-partijiet qablu li din il-kawża titħalla għas-sentenza sakemm l-Awtorita' tad-Djar ma tinformax lill-Bord mod ieħor[16]. Fil-fatt, fin-nuqqas tal-preżentata ta' att ġudizzjarju appożitu, dan il-Bord qiegħed jgħaddi għas-sentenza.

**Ikkunsidra;**

Illi l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq l-Att XXIV tas-sena 2021, liema Att nieda proċedura simili għal dik li kienet daħlet fil-konfront ta' kirjiet ibbażati fuq il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-verità l-Att XXIV tas-sena 2021 wettaq ukoll diversi emendi mill-Att preċedenti[17] u dan fi żmien relattivament qasir. Din il-leġislazzjoni hija frott numru konsiderevoli ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nostrana li ddikjarat kemm il-darba ksur tad-drittijiet fundamentali ta' sidien, kemm fir-rigward ta' kirjiet naxxenti mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll dawk li jemerġu mill Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi huwa minnu li l-azzjoni hawn utilizzata tippermetti ċertu ammont ta' diskrezzjoni (u allura responsabbiltà) lil dan il-Bord fl-iffissar tal-persentaġġ li għandu jintuża[18]. Madanakollu, għal dan il-Bord, huwa ċar li dan il-persentaġġ, sakemm verament ma jiġux pruvati xi ċirkostanzi estremi, għandu dejjem ikun viċin il-massimu tiegħu[19]. Naturalment dan huwa aktar aċċentwat f'każ fejn xi

[16] A fol 132 *et seq* tal-proċess.
[17] Att XXVII tas-sena 2018.
[18] Dwar dan il-Bord jissenjala li l-leġislatur ħass li fejn qabel, l-Att Nru. XXVII tas-sena 2018 kien jistabbilixxi x'għandu jeżamina l-Bord meta jiġi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli (u dan fil-konfront tal-azzjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta), dan il-fattur tneħħa bl-Att Nru XXIV tas-sena 2021. B'hekk skond il-liġi tal-lum, il-Bord hu fil-libertà li jqis kull fattur li huwa jirritjeni determinanti.
[19] Huma issa diversi s-senjalazzjonijiet magħmula fi proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali fuq dan l-aspett. Fost diversi, il-Bord jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Carmela Buhagiar *et* vs Avukat tal-Istat *et*,** (Rik Kost Nru: 120/20/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Ukoll, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza

sidien, qabel ma jkunu niedu din il-proċedura, jkunu ottjenew dikjarazzjoni li huma sfaw vittmi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Ikun ħażin li f'każ bħal dak, dan il-Bord possibbilment ikun hu stess kaġun ta' kontinwazzjoni ta' dik il-vjolazzjoni billi jiffissa kirja b'persentaġġ tant baxx li l-kirja l-ġdida tispiċċa wkoll tkun waħda irriżorja.

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet imiss li dawn il-prinċipji jiġu applikati għall-każ odjern.

Illi dwar it-titolu[20], il-Bord huwa sodisfatt mid-dokument ippreżentat mar-rikors promotur.

Illi minn eżami tad-dokumentazzjoni tal-intimat relattivi għat-test tal-mezzi, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimat jissodisfa t-test tal-mezzi rikjest, skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11[21].

Illi skond il-Periti Membri Tekniċi, il-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond in kwistjoni, fil-perjodu rilevanti skond il-liġi, jammonta għal mitejn u disgħin elf Ewro (€290,000). Ir-rapport kien wieħed unanimu u għalhekk dan il-Bord huwa kostrett jaċċetta dik il-konklużjoni[22].

---

fl-ismijiet **Maria Fatima Azzopardi *et* vs Carmelo Azzopardi *et*,** (210/2020/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Lil hinn minn deċiżjonijiet f'dik il-kompetenza però, dan il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal u ġie deċiż fl-ismijiet **Helen Sammut vs Joseph Vella *et*,** (Appell Inferjuri Numru 114/2021LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Marzu 2023, fejn aggravju fuq punt simili ġie miċħud.

[20] Dwar dan, il-Bord jiġbed l-attenzjoni għal-fatt li n-nomenklatura ta' min jista' jħejji azzjoni ai termini tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta inbidel. Filwaqt li l-Att XXVII tas-sena 2018 (relevanti għall-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta) kien isemmi li l-azzjoni li kien "il-propjetarju" li seta' jippreżenta tali rikors, l-Att XXIV 2021, ġustament, illum jutilizza l-kliem "sid il-kera".

[21] Regolamenti 5(5) u 6(4).

[22] Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kif diġà ntqal, għal dan il-Bord, persentaġġ viċin il-massimu ta' 2% għandha tkun ir-regola, u f'dan il-każ ma ġiet ippruvata l-ebda ċirkostanza li twassal il-Bord sabiex jistabbilixxi persentaġġ inqas mill-massimu li tippermetti l-liġi. B'hekk, il-kera annwali pagabbli tal-fond in kwistjoni għandha tkun fl-ammont ta' ħamest elef u tmien mitt Ewro (€5,800) fis-sena.

Illi finalment, il-Bord iqis doveruż jissenjala li l-mod ta' kif ġie mfassal ir-rikors promotur huwa errat. L-Awtoritá tad-Djar f'dawn il-proċeduri m'għandiex tiġi indikata fl-okkju tal-kawża iżda għandha biss tiġi notifikata bir-rikors promotur sabiex, a tenur ta' dak li stabbilixxa l-Att XXIV tas-sena 2021, hija tkun tista tipparteċipa fi proċeduri bħal dawn, bħala intervenuta, jekk hekk tkun trid tagħmel[23]. Li wieħed jgħid kontra dan ikun ifisser li jkun qiegħed jitlob li jirrikonoxxi l-Awtoritá bħala inkwilina u li l-kera titħallas minnha stess.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi:

1) Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara li Carmelo Pace huwa l-inkwilin tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri u jikkwalifika bħala kerrej skont l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.
2) Jastjeni milli jqis aktar it-tieni talba stante li t-test tal-mezzi twettaq tul l-andament ta' dawn il-proċeduri.
3) Jilqa' it-tielet talba u jordna lill-intimat jibda jħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' ħamest elef u tmien mitt Ewro (€5,800) fis-sena bħala kera għall-fond 148, Triq Manuel Dimech, Sliema, fl-ammont ta' erbgħa mija u tlieta u tmenin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€483.33ċ) fix-xahar, pagabbli kull xahrejn bil-quddiem, u dan mid-data ta' din is-sentenza.
4) Jiċħad ir-raba' talba.

[23] Artikolu 4A(3)(a) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

5) Jiċħad l-eċċezzjonijiet sa fejn inkompatibbli ma' dak hawn deċiż.

L-ispejjeż tar-rikorrenti u tal-Awtoritá tad-Djar jitħallsu mir-rikorrenti[24]. L-ispejjeż tal-intimat inkwilin jitħallsu mill-istess intimat.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[24] Dan minħabba l-fatt li l-Awtoritá tad-Djar ġiet ċitata fl-okkju b'mod żbaljat.